# L-'Ave' tan-Novena tal-Milied

2018 (ftuħ tas-sena Marjana)

versi: Dun Simon M. Cachia | mużika: Dun Michael Curmi




3.
X'ħin spjegalek l-Anġlu t'Alla
int malajr mort tbaxxi rasek
"Il-qaddejja hawn hi qiegħda:
Isir minni skont kif qallek". **Ave...**

4.
Ftit jiem wara tlaqt lil darek
biex iżżur 'l Elisabetta,
b'ħeffa, b'għaġla, b'ferħ kbir fuqek
li tmur tgħinha mort taċċetta. **Ave...**

5.
U x'ħin rajt dak l-għaġeb kollu
li mar għamel ma' qaribtek:
"Ruħi tfaħħar kobor Alla",
bdejt int tkanta b'ferħ lil Sidek. **Ave...**

6.
Int domt tgħin 'l Elisabetta,
tliet xhur sħaħ 'il bogħod minn darek.
Ma qgħadtx tara l'int Omm Alla
imma lilha għent minn qalbek. **Ave...**

7.
Meta kont ma' żewġek f'Betlem
tajt lid-dinja 'l Alla-Magħna,
waqt li l-anġli għannew l-għanja:
"Glorja! Glorja 'l Alla tagħna!" **Ave...**

8.
F'dak il-lejl ġew ħdejk xi rgħajja
biex ifittxu lill-Messija,
int urejthom il-maxtura
bit-Tarbija fil-fisqija. **Ave...**

9.
Hekk kif int ilqajt il-Maġi
ġewwa darek kollha benna,
hekk int ilqa' lilna wliedek
ġo Ta' Pinu w ġewwa l-Ġenna.
**Ave...**